# QORTI TA' L-APPELL

**(SEDE INFERJURI)**

**IMHALLEF**

**ONOR CARMEL A. AGIUS, B.A., LL.D.,**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 14 ta' Gunju, 2001**

**Numru 1**

**Avviz Nru. 569/97 SM**

**Laferla Insurance Agency Limited ghan-nom ta' Andrew Wallace f'ismu proprju u ghan-nom u in rapprezentanza tad-ditta estera assikuratrici Crow Motor Policies at Lloyds u din kif tinsab issurrogata fid-drittijiet ta' l-assikurata taghha Tania Bugeja, sija bil-polza u sija bil-ligi.**

**vs**

**Christopher Laferla**

**Il-Qorti,**

Dan hu appell minn sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) moghtija fid-9 ta' Gunju, 2000, liema sentenza taqra kif gej:-

"Rat l-avviz fuq indikat datat it-18 ta' Marzu ta' l-1997, li permezz tieghu s-socjeta' nomine sejhet lill-konvenut biex jidher quddiem din il-Qorti u jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat u dikjarat:

1. Unikament responsabbli ghall-kollizjoni tal-25 ta' Gunju ta' l-1996 gewwa l-Imsida, bejn il-vettura, numru ta' registrazzjoni F-3234 misjuqa mill-konvenut u l-vettura numru ta' registrazzjoni F-9195 misjuqa minn Tania Bugeja u ghad-danni kollha konsegwenzjali sofferti mis-socjeta' attrici;

2. Liema danni sofferti mis-socjeta' attrici ghandhom jigu likwidati fis-somma ta' sitt mija u tmienja u erbghin Lira Maltin u hdax-il centezmu, (LM648.11,0), jew somma verjuri illi tigi likwidata pervia okkorrendo bl-opera ta' periti u esperti nominandi;

3. Ihallas lis-socjeta' attrici, in linea ta' danni, l-istess somma ta' sitt mija u tmienja u erbghin Lira Maltin u hdax-il centezmu, (LM648.11,0), jew somma verjuri illi tigi likwidata minn din il-Qorti;

4. Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra bonarja tat-30 ta' Jannar ta' l-1997 u ta' l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment lid-ditta assikuratrici tal-konvenut, u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata ta' dan l-att sad-data tal-pagament effettiv;

5. Il-konvenut gie ingunt ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut datata s-7 t'April ta' l-1997 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:

1. Illi t-talba attrici ghandha tkun michuda stante li l-incident awtomobilistiku in kwistjoni ma garax htija ta' l-eccipjenti izda gara unikament tort ta' Tania Bugeja li kienet qed issuq il-vettura bin-numru F-3234;

2. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Ezaminat ix-xhieda mismugha minn din il-Qorti diversament preseduta;

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali ta' l-avukati tal-partijiet;

ikkonsidrat:

Illi preliminarjament din il-Qorti hi kostretta tirrileva is-segwenti:

1. Illi skond id-deposizzjoni guramentata ta' Tanya Bugeja, datata t-3 ta' Frar ta' l-1998, din issosstni li "il-vettura F-1915 hija tieghi..."; (ara fol 26);

2. Illi s-segretarju tas-socjeta' attrici, fid-deposizzjoni tieghu, ukoll datata t-3 ta' Frar ta' l-1998, jirreferi ghall-vettura tal-marka "Austin Metro bin-numru ta' registrazzjoni 9195 proprjeta' ta' Tanya Bugeja", (ara fol 15);

3. Illi l-avviz li ta bidu ghal din il-kawza jirreferi ghal vettura ohra bin-numru F-9195;

Ikkonsidrat:

Illi ghalkemm jista' jghati l-kaz li hemm xi zbalji - anke in bona fede - pero' dan ma tistax tassumieh il-Qorti minghajr ma tkun rikjamata l-attenzjoni taghha skond il-ligi;

Illi din il-procedura ilha maturata u l-partijiet kellhom abbundanza ta' zmien biex jghamlu dan;

Ikkonsidrat:

Illi peress li dan jizvija ghal kollox lill-Qorti, taqta' u tiddeciedi li s-socjeta' attrici ma ppruvatx il-kaz taghha u konsegwentement tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez"**.**

Minn dik is-sentenza appellat is-socjeta' attrici permezz ta' rikors ta' l-appellipprezentat fit-30 ta' Gunju, 2000, li bih talbet li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza ta' l-ewwel Qorti, u minflok taqta u tiddeciedi billi, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attrici bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut.

Mill-process ma jidhirx li giet prezentata risposta ta' l-appell, pero' l-konvenut appellat gie moghti fakolta, u fil-fatt ipprezenta nota ta' osservazzjonijiet bil-visto tal-kontro-parti, liema nota tinsab a fol. 86 tal-process u li din il-Qorti ezaminat.

L-appell hu maqsum f'zewg partijiet, u kollox jiddependi minn jekk l-ewwel parti ta' l-appell, li jirrigwarda l-validita' legali tas-sentenza appellata, hiex fondata jew le.

Din il-Qorti ma jidhrilhiex li ghandha ghalfejn tirrepeti fid-dettall il-lanjanza ta' l-appellant fir-rigward tas-sentenza appellata. Tghid biss li hija thoss li bil-mod kif l-ewwel Qorti ddecidiet il-kawza, innegat lill-partijiet mid-dritt taghhom illi jkollhom gustizzja, jirbah min jirbah. Imbaghad, s'intendi, fit-tieni parti, is-socjeta appellanti titlob illi jigu akkolti t-talbiet taghha.

Frankament din il-Qorti se tghid mill-inqas fir-rigward ta' l-aggravju tas-socjeta' appellanti relattivament ghall-allegat difett fis-sentenza appellata.  Din il-Qorti tibda biex tghid li frankament hassitha pjuttost sorpriza mill-mod brusk kif li bih l-ewwel Qorti ddisponiet mill-kawza. Pero' iktar preokkupanti m'huwiex il-fatt li hassitha hekk sorpriza hi, imma il-hsieb ta' kemm aktar sorprizi bilfors kienu il-partijiet bis-sentenza appellata, jew ahjar bil-mod kif giet deciza.

In succint din il-Qorti, fl-ewwel lok, taghmel reklam ghal zewg principji fondamentali f'dak li hu dritt processwali. Fl-ewwel lok huwa principju li dawn il-Qrati dejjem ippruvaw josservaw tul id-decenni, illi m'ghandha qatt tinghata sentenza li tissorprendi lill-partijiet b'xi fattur jew punt li ma jkunx ingieb a konjizzjoni taghhom jew inghataw l-opportunita' li jittrattaw. Dana iktar u iktar jekk si tratta ta' zball fin-numru ta' registrazzjoni ta' karozza li facilment seta' jissewwa kieku l-ewwel Qorti indirizzat lill-partijiet li kienet thossha preokkupata bl-ezistenza ta' l-istess numru zbaljat. Kieku c-cirkostanzi kienu tali li kien hemm, fil-kors tal-provi, kwistjoni dovuta verament ghal konfuzzjoni bejn vettura u ohra, cioe' jekk kienetx vettura X involuta jew vettura ohra li l-partijiet m'ghandhomx x'jaqsmu maghha, din il-Qorti kienet tifhem li din kienet tkun kwistjoni ta' provi u li l-ewwel Qorti setghet allura tkompli ghaddejja u tiddeciedi l-mertu fuq jekk kienetx sodisfatta jew le mill-kwalita' tal-prova. Pero', hawnhekk qatt ma kien hawn il-kwistjoni dwar jekk kienetx il-vettura ta' Tanya Bugeja – F-9195 li kienet involuta fil-kollizjoni, u mhux hekk biss, imma qatt ma kien hemm kwistjoni li seta' kien hemm xi karrozza ohra involuta fil-kollizzjoni de quo, inkluza xi karozza ohra li seta' kellha Tanya Bugeja. Jigifieri l-konfuzjoni u l-konsegwenti preokkupazzjoni f'mohh l-ewwel Onorabbli Qorti, din il-Qorti ma tistax tara kif seta' jkun hemm lok ghalihom, u wisq aktar ma tarax kif il-

partijiet kellhom jigu sorprizi b'dan il-fatt bil-mod kif gew sorprizi bis-sentenza appellata.

It-tieni punt li riedet taghmel din il-Qorti huwa illi minhabba dak li ghadu kif gie spjegat, u cioe' li dan l-izball fid-deskrizzjoni tan-numru ta' registrazzjoni evidentement kien wiehed mhux ta' natura sostanzjali, u ma kien se jbiddel xejn mill-veru mertu tal-kawza, ma kienx il-kaz li l-ewwel Qorti tirrikorri ghall-formalizmu li llum, kif sewwa gie sottomess, il-Kap 12 fl-artikolu 175 jipprova jovvja ghalih.

B'dispjacir din il-Qorti thossha kostretta fl-ewwel lok, takkolji l-appell in kwantu jattakka s-sentenza appellata f'dan ir-rigward. Minhabba li l-partijiet talbu li din is-sentenza tkun tkopri wkoll il-mertu sejra issa tghaddi biex tiddeciedi fuq it-talbiet attrici.

Jigi osservat mill-ewwel illi pratikament ghal kull bon fini, it-talba attrici tiddependi biss mix-xhieda ta' Tanya Bugeja, u dana billi d-depozizzjoni tas-Surgent 78 Joseph Cremona, li rrediga l-okkorrenza u ghamel l-iskizz, ma tantx huwa lluminanti. Pero', huwa sufficjenti biex jindika illi jista' jaghti l-kaz li la Tanya Bugeja, kif lanqas Christopher Laferla ma huma qeghdin jghidu l-verita'. Dan ghaliex, ghalkemm P.S. Cremona relattivament ma jiftakar xejn ghal dawk li huma dettalji, minn dak li nizzel fl-okkorrenza – li wiehed ghandu jassumi li ma vvintahx hu –

jindika illi dak li qaltlu Tanya Bugeja ma jaqbilx ma' dak li effettivament xehdet quddiem l-ewwel Qorti, u wisq anqas ma' dak li xehed li qaltlu Reuben Mifsud. Anqas ma jaqbel dak li hemm fl-okkorrenza li suppost qal lis-Surgent il-konvenut Laferla ma' dak li effettivament xehed hu fil-kors ta' din il-kawza.

F'sitwazzjonijiet simili l-kompitu ta' din il-Qorti jirrizolvi ruhu f'wiehed primarjament legali, fis-sens li l-Qorti ghandha, flok taghmel ezercizzji inutili, tezamina l-ewwel u qabel kollox jekk thosshiex konvinta li l-attrici, li ghandha l-oneru tal-prova jinkombi fuqha, ippruvatx il-kaz taghha fil-grad li wiehed jistenna minnha f'kawza civili. Din il-Qorti thoss fir-rigward, illi ma tistax toqghod fuq ix-xhieda taghha – mhux ghax toqghod fuq ix-xhieda ta' Laferla – imma ma tistax, meta ghandha s-Surgent tal-Pulizija li jghid li hi qaltlu illi l-konvenut Laferla baqa' hiereg ghal fuqha, u hi tixhed illi anqas biss taf kif grat il-habta u lill-konvenut jew il-vettura tieghu hija ma rathomx qabel il-habta, tiddeciedi illi hija ghamlet il-prova necessarja. Ghall-kumplament m'hemmx provi bizzejjed biex din il-Qorti tkun sodisfatta li almenu mic-cirkostanzi l-ohra, per ezempju l-posizzjoni tal-vettura tal-konvenut, jew cirkostanzi ohra, jistghu jaghmlu tajjeb ghal dan in-nuqqas ta' prova. Konkluzzjoni legali ta' dan kollu hija illi din il-Qorti bilfors trid tiddeciedi illi s-socjeta' appellanti ma ppruvatx il-kaz taghha.

Ghal dawn il-motivi ghalhekk, din il-Qorti tiddisponi mill-appell kif gej, u dan billi, kif inghad, fl-ewwel lok tilqa' l-istess inkwantu hu dirett lejn il-validita' legali tas-sentenza appellata, u konsegwentement tirrevoka l-istess sentenza appellata inkwantu ddecidiet li r-raguni ghala s-socjeta' attrici ma kienetx ippruvat il-kaz taghha kien il-fatt li zvijat ghal kollox lil dik il-Qorti, u tiddeciedi minflok li ma kien hemm xejn fl-atti li kellu ghalfejn jizvija lill-ewwel Qorti b'mod li jwassal li s-socjeta' attrici ma ppruvatx il-kaz taghha, kif spjegat fl-ewwel sentenza, u tirrespingi pero' l-kumplament ta' l-appell inkwantu ntalbet ir-revoka tas-sentenza appellata inkwantu din cahdet it-talbiet attrici billi tiddeciedi illi benche' ghal ragunijiet ohra, tichad it-talbiet attrici peress li s-socjeta' attrici ma ppruvatx il-kaz taghha.

L-ispejjez ta' l-ewwel istanza, stante c-cirkostanzi ghandhom ibatuhom il-partijiet fi kwoti ugwali bejniethom, mentri dawk ta' dan l-appell ghandhom jigu spartiti kif gej, u cioe', kwantu ghal terza parti mill-konvenut appellat, u kwantu ghar-rimanenti zewg terzi mis-socjeta' appellanti.

Dep/Reg

mm